IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2012
COM(2012) 628 final

2012/0297 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 354 final}
{SWD(2012) 355 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Kuntest ġenerali - Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Id-Direttiva 2011/92/UE[1] fiha rekwiżit legali biex titwettaq stima tal-impatt fuq l-ambjent (EIA) ta' proġetti pubbliċi u privati li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, qabel dawn ma jiġu awtorizzati. Hemm kunsens li l-objettiv ewlieni tad-Direttiva ntlaħaq; il-prinċipji tal-istima ambjentali ġew armonizzati madwar l-UE bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi rigward it-tip ta' proġetti soġġetti għall-istima, l-obbligi ewlenin tal-iżviluppatur, il-kontenut tal-istima u l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u l-pubbliku. B'mod parallel, bħala parti mill-proċess tal-kunsens għall-iżvilupp, l-EIA hija għodda biex tivvaluta l-kostijiet u l-vantaġġi ambjentali ta' proġetti speċifiċi bil-għan li tiżgura s-sostenibbiltà tagħhom. Għalhekk, id-Direttiva saret strument ewlieni tal-integrazzjoni ambjentali u ġabet magħha vantaġġi ambjentali u soċjoekonomiċi.

Wara 25 sena ta' applikazzjoni, id-Direttiva dwar l-EIA ma nbidlitx b'mod sinifikanti, filwaqt li l-kuntest ta' politika, kif ukoll dak legali u tekniku evolva konsiderevolment. L-esperjenza fl-implimentazzjoni, kif riflessa fir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni u l-effettività tad-Direttiva dwar l-EIA, inkluż l-aħħar wieħed ippubblikat f'Lulju 2009[2], identifikat għadd ta' nuqqasijiet. Fl-analiżi ta' nofs it-terminu tas-Sitt (6) Programm ta' Azzjoni Ambjentali[3], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li titjieb l-istima tal-impatti ambjentali fuq livell nazzjonali u ħabbret reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EIA. Fil-kuntest tar-Regolamentazzjoni Aħjar, id-Direttiva ġiet identifikata wkoll bħala għodda potenzjali għas-simplifikazzjoni[4]. L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li taġġusta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva kodifikata dwar l-EIA, sabiex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet, jirreflettu bidliet u sfidi ambjentali u soċjoekonomiċi li għaddejjin bħalissa, u jikkonformaw mal-prinċipji tar-regolamentazzjoni intelliġenti.

### Konsistenza ma' politiki u objettivi oħrajn tal-Unjoni

Billi d-Direttiva dwar l-EIA jista' jkollha rwol kruċjali fil-ksib tal-effiċjenza fir-riżorsi (eż. billi jiġu introdotti rekwiżiti ġodda għall-istima ta' kwistjonijiet bħall-bijodiversità u t-tibdil fil-klima li huma relatati mal-użu tar-riżorsi naturali), il-proposta hija parti mill-inizjattivi li l-għan tagħhom huwa li jimplimentaw il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi[5]. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EIA tappoġġa l-istrateġija Ewropa 2020[6], partikolarment il-prijorità ta' tkabbir sostenibbli. Id-Direttiva riveduta tista' tikkontribwixxi ukoll

[1] Id-Direttiva 2011/92/UE (ĠU L 26, 28.1.2012, p.1) tikkodifika d-Direttiva 85/337/KEE u t-tliet emendi sussegwenti tagħha (Id-Direttivi 97/11/KE, 2003/35/KE u 2009/31/KE).
[2] COM(2009) 378. Ir-rapporti kollha huma disponibbli fuq is-sit http://ec.europa.eu/environment/eia/eia-support.htm.
[3] COM(2007) 225.
[4] COM(2009) 15.
[5] COM(2011) 571.
[6] COM(2010) 2020.

b'mod sinifikanti lejn l-obbligu tal-Unjoni li tqis l-aspetti kulturali fil-politiki u l-azzjonijiet kollha tagħha.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMI TAL-IMPATT

### Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-konsultazzjoni saret fl-2010, skont l-istandards tal-Kummissjoni. Minn Ġunju sa Settembru 2010, tnediet konsultazzjoni pubblika wiesgħa dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EIA, bl-użu ta’ kwestjonarju onlajn disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Waslu 1365 tweġiba (684 minn ċittadini, 479 minn organizzazzjonijiet, kumpaniji u NGOs, 202 minn awtoritajiet u amministrazzjonijiet pubbliċi). Minbarra dan, l-Istitut ta' Ġestjoni u Stima Ambjentali (IEMA)[7] bagħat kontribut (1815 tweġiba) fl-għamla ta' stħarriġ li jinkorpora għadd ta' mistoqsijiet tal-Kummissjoni. Il-fażi ta' konsultazzjoni ġiet konkluża permezz ta' Konferenza (fit-18-19/11/2010, f'Leuven, il-Belġju), li kkomplementat il-konsultazzjoni pubblika wiesgħa billi laqgħet il-kontribut ta' partijiet involuti speċjalizzati. 200 rappreżentant mill-UE u istituzzjonijiet internazzjonali, awtoritajiet pubbliċi – fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali – l-industrija, l-organizzazzjonijiet ambjentali, u l-komunità akkademika kienu preżenti għal din il-konferenza. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika[8] u l-konklużjonijiet tal-Konferenza[9] pprovdew kontribut utli għall-iżvilupp tal-proposta tal-Kummissjoni.

### Ir-riżultat tal-istima tal-impatt

L-istima tal-impatt, li qed tiġi ppreżentata ma’ din il-proposta, identifikat nuqqasijiet attwali tal-leġiżlazzjoni tal-EIA li jwasslu għal implimentazzjoni mhux sodisfaċenti (ebda dispożizzjoni li tiżgura l-kwalità tal-informazzjoni u standards ta' kwalità fil-proċess tal-EIA u d-diskrepanzi fl-implimentazzjoni) u l-kostijiet soċjoekonomiċi fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Jekk dawn il-problemi ma jiġux indirizzati adegwatament, id-Direttiva se ssir inqas effettiva u effiċjenti u ma tkunx tista' tiżgura l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Barra minn hekk, il-kostijiet soċjoekonomiċi x'aktarx jaffettwaw negattivament l-armonizzazzjoni tas-suq intern. In-nuqqasijiet tad-Direttiva jistgħu jinġabru fi tliet oqsma problematiċi speċifiċi: (1) il-proċedura ta' skrinjar, (2) il-kwalità u l-analiżi tal-EIA u (3) ir-riskji ta' inkonsistenzi fi ħdan il-proċess tal-EIA innifsu u fir-rigward ta' leġiżlazzjoni oħra.

L-istima tal-impatt ivvalutat għadd ta’ alternattivi ta’ politika bil-għan li tidentifika miżuri kosteffettivi biex tindirizza dawn il-problemi. L-eżitu wassal lill-Kummissjoni biex tipproponi għadd ta’ emendi li, fosthom, dawn huma l-ewlenin:

Huwa propost li tiġi ċċarata il-proċedura ta' **skrinjar**, billi jiġu mmodifikati l-kriterji tal-Anness III u jiġu speċifikati l-kontenut u l-ġustifikazzjoni ta’ deċiżjonijiet ta'

---

7 L-ikbar korp bi sħubija professjonali għall-ambjent b'aktar minn 15,000 membru li jaħdmu fis-setturi kollha tal-industrija.

8 http://ec.europa.eu/environment/consultations/eia.htm

9 http://ec.europa.eu/environment/eia/conference.htm

skrinjar. Dawn l-emendi għandhom jiżguraw li l-EIAs jitwettqu biss għal proġetti li jista' jkollhom effetti ambjentali sinifikanti, biex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed għal proġetti fuq skala żgħira.

Fir-rigward tal-**kwalità u analiżi tal-EIA**, qed tiġi proposta l-introduzzjoni ta' emendi li jsaħħu l-kwalità tal-proċess (jiġifieri definizzjoni obbligatorja tal-ambitu u kontroll tal-kwalità tal-informazzjoni tal-EIA), l-ispeċifikazzjoni tal-kontenut tar-rapport tal-EIA (stima obbligatorja ta' alternattivi raġonevoli, ġustifikazzjoni tad-deċiżjonijiet finali, monitoraġġ post-EIA obbligatorju ta' effetti negattivi sinifikanti) u l-adattament tal-EIA għall-isfidi (jiġifieri il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, ir-riskju ta' diżastri, id-disponibbiltà tar-riżorsi naturali).

Fir-rigward tar-riskji **ta' inkonsistenzi**, huwa propost li jiġu speċifikati t-termini ta' żmien meħtieġa mid-Direttiva (konsultazzjoni pubblika, deċiżjoni ta' skrinjar, deċiżjoni finali tal-EIA) u jiġi introdott mekkaniżmu, speċi ta' punt uniku ta' servizz tal-EIA biex jiżgura koordinazzjoni jew operazzjoni konġunta tal-EIA mal-istimi ambjentali meħtieġa taħt leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE, eż. id-Direttivi 2010/75/UE, 92/43/KEE, 2001/42/KE.

Disgħa mit-tnax-il emenda analizzati huma mistennija li jipprovdu vantaġġi ambjentali u soċjoekonomiċi sinifikanti mingħajr spejjeż amministrattivi addizzjonali; huwa mistenni wkoll iffrankar moderat. Żewġ emendi (stima ta' alternattivi u monitoraġġ) huma mistennija li jipprovdu vantaġġi ambjentali u soċjoekonomiċi għolja bi spejjeż moderati għall-iżviluppaturi u spejjeż limitati jew negliġibbli għall-awtoritajiet pubbliċi; emenda waħda (adattament tal-EIA għall-isfidi ġodda) hija mistennija tipprovdi vantaġġi kbar bi spejjeż moderati sa dawk għoljin għall-iżviluppaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Fuq perjodu ta' żmien twil, il-vantaġġi ambjentali u soċjoekonomiċi sinifikanti u l-iffrankar moderat assoċjati mal-emendi proposti huma mistennija jissuperaw l-ispejjeż amministrattivi.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta se ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar il-kwalità tal-EIA bil-għan li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Tabilħaqq, il-ħila li jittieħdu deċiżjonijiet validi dwar l-impatt ta' proġett fuq l-ambjent jiddependi – sa ċertu punt – fuq il-kwalità tal-informazzjoni użata fid-dokumentazzjoni tal-EIA u l-kwalità tal-proċess tal-EIA. Barra minn hekk, il-proposta se ttejjeb il-koerenza tal-politika u s-sinerġiji ma' strumenti oħra tal-liġi tal-UE u tissimplifika l-proċeduri, bil-għan li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi żejda.

Informazzjoni speċifika dwar l-Artikoli u l-Annessi emendati tad-Direttiva tal-EIA qed tingħata hawn taħt.

It-tibdiliet għall-Artikoli 1(2), 1(3) u 1(4) għandhom l-għan li jiċċaraw it-termini tad-Direttiva, abbażi tal-esperjenza fl-implimentazzjoni u l-ġurisprudenza tal-Qorti. Id-definizzjoni ta' "proġett" qed tiġi emendata biex tagħmilha ċara li x-xogħlijiet ta' twaqqigħ huma inklużi, f'konformità mas-sentenza tal-Qorti fil-każ C-50/09; iddaħħlu wkoll definizzjonijiet rilevanti. Il-possibbiltà li ma tiġix applikata d-Direttiva hija limitata għal proġetti li għandhom id-difiża nazzjonali bħala l-uniku

għan tagħhom u hija estiża biex tkopri emerġenzi ċivili, kif inhu diġà l-każ skont id-Direttiva 2001/42/KE.

L-Artikolu 2(3) huwa emendat biex jintroduċi punt uniku ta' servizz tal-EIA, li jippermetti l-integrazzjoni jew il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' stima skont id-Direttiva dwar l-EIA u leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

Il-modifiki għall-Artikolu 3 għandhom l-għan li jiżguraw konsistenza mal-Artikolu 2(1), jiġifieri billi jirreferu għal effetti "sinifikanti ", u jadattaw l-EIA għal kwistjonijiet ambjentali (il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, ir-riskju ta' diżastri, l-użu tar-riżorsi naturali).

It-tibdiliet introdotti fl-Artikolu 4 jirrazzjonalizzaw il-proċedura ta' skrinjar u jsaħħu l-konsistenza tal-approċċi tal-Istati Membri biex jiżguraw li l-EIAs huma meħtieġa biss fejn huwa ċar li hemm impatti ambjentali sinifikanti. Għall-proġetti elenkati fl-Anness II, qed jiddaħħal paragrafu ġdid rigward l-obbligu li tingħata informazzjoni speċifika mill-iżviluppatur lill-awtorità kompetenti (dettalji fl-Anness II.A). Dan l-Artikolu jipprevedi wkoll speċifikazzjoni tal-kriterji tal-għażla elenkati fl-Anness III permezz ta' atti delegati. Il-kontenut tad-deċiżjoni dwar l-iskrinjar huwa speċifikat biex jirrikonoxxi l-prattika ta' suċċess tal-adattament ta' proġetti taħt ċerti prekundizzjonijiet (abbażi ta' konsiderazzjoni tal-impatti l-aktar rilevanti u informazzjoni ġġenerata taħt leġiżlazzjoni ambjentali oħra tal-Unjoni), li jistgħu jevitaw li titwettaq stima sħiħa, billi l-impatti ambjentali l-aktar rilevanti jkunu indirizzati b'mod sodisfaċenti permezz tal-proġett adattat. Il-probabbiltà ta' effetti sinifikanti u l-ħtieġa sussegwenti ta' EIA iqisu n-natura, il-kumplessità, il-lok u d-daqs tal-proġett propost u jkunu bbażati fuq fatturi oġġettivi, bħall-iskala tal-proġett, l-użu ta' riżorsi prezzjużi, is-sensittività ambjentali tal-lok, u d-daqs jew l-irriversibbiltà tal-impatt potenzjali. Barra minn hekk, qed jiġu kkunsidrati t-tagħlimiet ipprovduti mill-ġurisprudenza, fejn il-Qorti enfasizzat il-ħtieġa ta' deċiżjonijiet dwar l-iskrinjar "raġunati biżżejjed" (C-75/08), li jinkludu jew huma akkumpanjati mill-informazzjoni kollha li tagħmilha possibbli li jiġi vverifikat li d-deċiżjoni hija bbażata fuq skrinjar adegwat (C-87/02). Fl-aħħarnett, huwa stabbilit terminu ta' żmien għall-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-iskrinjar.

L-Artikolu 5 huwa mmodifikat b'mod komprensiv, bil-għan li jsaħħaħ il-kwalità tal-informazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċess tal-EIA. Qed jinżamm ir-rekwiżit prinċipali għall-iżviluppatur li jissottometti l-informazzjoni ambjentali, iżda l-għamla u l-kontenut tagħha huma razzjonalizzati u speċifikati fl-Anness IV. Il-proċess dwar id-definizzjoni tal-ambitu sar obbligatorju u l-kontenut tal-opinjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti hija speċifikata. Jiġu introdotti mekkaniżmi li jiggarantixxu l-kompletezza u l-kwalità suffiċjenti tar-rapporti ambjentali.

L-Artikolu 6(6), li jirreferi għat-termini ta' żmien għal konsultazzjoni pubblika, huwa mmodifikat bil-ħsieb li jsaħħaħ ir-rwol ta' awtoritajiet ambjentali u jiddefinixxi termini ta' żmien konkreti għall-fażi ta' konsultazzjoni dwar ir-rapport ambjentali.

L-Artikolu 7(5) huwa emendat sabiex jinkludi l-istabbiliment ta' termini ta' żmien għall-konsultazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet li għandhom ikunu determinati mill-Istati Membri meta jiddefinixxu l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' proġetti li x'aktarx ikollhom effetti ambjentali transfruntieri sinifikanti.

L-Artikolu 8 huwa sostanzjalment emendat u jinkludi bosta dispożizzjonijiet ġodda. L-ewwel nett, huwa stabbilit terminu ta' żmien għall-konklużjoni tal-proċedura tal-istima tal-impatt fuq l-ambjent. It-tieni, jeħtieġ li l-awtorità kompetenti tinkludi fid-deċiżjoni nnifisha tal-kunsens għall-iżvilupp xi elementi li jiġġustifikaw id-deċiżjoni; dan jirrifletti l-ġurisprudenza (eż. C-50/09). It-tielet, huwa introdott monitoraġġ *ex-post* għal dawk il-proġetti biss li se jkollhom effetti ambjentali negattivi sinifikanti, skont il-konsultazzjonijiet imwettqa u l-informazzjoni miġbura (inkluż ir-rapport ambjentali), bl-għan li tiġi vvalutata l-implimentazzjoni u l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni u kumpens. Xi Stati Membri diġà jesiġu monitoraġġ bħal dan, li ma għandux jirrepeti dak li jista' jkun meħtieġ minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni (eż. dwar l-emissjonijiet industrijali jew il-kwalità tal-ilma), u huwa xieraq għalhekk li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi komuni. Dan l-obbligu l-ġdid huwa kosteffettiv, peress li jista' jgħin biex jiġu evitati impatti negattivi fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika u l-ispejjeż tar-riparazzjoni, u huwa rilevanti għall-indirizzar tal-impatti relatati ma' sfidi ġodda bħat-tibdil fil-klima u r-riskju ta' diżastri. Ir-raba', jeħtieġ li l-awtorità kompetenti tivverifika li l-informazzjoni tar-rapport ambjentali tkun aġġornata, qabel ma tiddeċiedi li tagħti jew tirrifjuta l-kunsens għall-iżvilupp.

Il-modifika ewlenija għall-Artikolu 9 hija l-inklużjoni ta' deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' monitoraġġ fl-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku meta jingħata l-kunsens għall-iżvilupp.

L-Artikolu 12 huwa emendat sabiex jispeċifika l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

Qed jiddaħħlu żewġ artikoli ġodda (12a u 12b) li jikkonċernaw l-adattament tal-Annessi II.A, III u IV għall-progress xjentifiku u tekniku permezz ta' atti delegati.

L-Anness II.A, li huwa Anness ġdid, jistipula l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mill-iżviluppatur għall-proġetti elenkati fl-Anness II, li għalihom jitwettaq skrinjar sabiex jiġi stabbilit jekk hijiex meħtieġa EIA. Din l-emenda hija maħsuba biex tarmonizza l-proċess ta' skrinjar.

L-Anness III, li jistipula l-kriterji użati għall-iskrinjar ta' proġetti tal-Anness II, huwa emendat biex jiċċara l-kriterji eżistenti (eż. effetti kumulattivi jew rabtiet ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE) u biex jinkludi oħrajn addizzjonali (l-aktar dawk relatati ma' kwistjonijiet ambjentali ġodda).

L-Anness IV jinkludi l-elementi li għandhom jitqiesu fir-rapport ambjentali meħtieġ mill-Artikolu 5. It-tibdiliet ewlenin huma rekwiżiti addizzjonali ta' informazzjoni dwar l-istima ta' alternattivi raġonevoli, id-deskrizzjoni tal-miżuri ta' monitoraġġ u d-deskrizzjoni ta' aspetti relatati ma' kwistjonijiet ambjentali ġodda (eż it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, ir-riskju ta' diżastri, l-użu tar-riżorsi naturali).

Id-Direttiva emendata fiha dispożizzjonijiet tranżitorji, li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza (eż. każ C-81/96). L-EIA għandha tapplika għall-proġetti li, għalihom, it-talba għal kunsens għall-iżvilupp ġiet introdotta qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni u li, għalihom, ma ġietx konkluża l-istima tal-impatt fuq l-ambjent qabel dik id-data.

**Dokumenti ta' spjegazzjoni**

Il-Kummissjoni tqis id-dokumenti ta' spjegazzjoni bħala meħtieġa sabiex tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva għar-raġunijiet li ġejjin.

It-traspożizzjoni sħiħa u korretta tad-Direttiva hija essenzjali biex tiżgura li jintlaħqu l-objettivi tagħha (jiġifieri il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet indaqs). L-EIA hija parti mill-proċess għall-istima u l-għoti ta' kunsens għall-iżvilupp għal firxa wiesgħa ta' proġetti privati u pubbliċi fl-Istati Membri, bħala parti separata jew bħala parti integrata ta' proċeduri ta' stima. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' spiss hija deċentralizzata ħafna, billi l-awtoritajiet reġjonali u lokali huma responsabbli mill-applikazzjoni tagħha u, f'xi Stati Membri, anke mit-traspożizzjoni tagħha. Fl-aħħar nett, il-kodifikazzjoni tad-Direttiva dwar l-EIA x'aktarx se tirriżulta f'tibdliet għall-miżuri nazzjonali li jittrasponu progressivament id-direttiva inizjali u t-tliet emendi sussegwenti tagħha. Sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva riveduta, li temenda l-verżjoni kodifikata, l-Istati Membri jistgħu jkollhom bżonn jaġixxu f'oqsma differenti ta' politika u jemendaw varjetà wiesgħa ta' atti leġiżlattivi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

Il-fatturi msemmija hawn fuq huma mistennija li jżidu r-riskji ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni ħażina tad-Direttiva, u jikkumplikaw il-kompitu tal-Kummissjoni li timmonitorja l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Informazzjoni ċara fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-Direttiva riveduta dwar l-EIA hija strumentali fl-iżgurar tal-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tagħha.

Ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dokumenti ta' spjegazzjoni jista' joħloq piż amministrattiv addizzjonali fuq dawk l-Istati Membri li ma jaħdmux fuq din il-bażi fl-ebda każ. Madankollu, dokumenti ta' spjegazzjoni huma neċessarji biex jippermettu verifika effettiva tat-traspożizzjoni sħiħa u korretta, li hija essenzjali għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, u mhemm ebda miżuri ta' inqas piż li jippermettu verifika effiċjenti. Barra minn hekk, dokumenti ta' spjegazzjoni jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-monitoraġġ tal-konformità min-naħa tal-Kummissjoni; mingħajrhom, ikunu meħtieġa riżorsi konsiderevoli u bosta kuntatti mal-awtoritajiet nazzjonali biex jiġu sorveljati l-metodi ta' traspożizzjoni fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, il-possibbiltà ta' piż amministrattiv addizzjonali minħabba l-forniment ta' dokumenti ta' spjegazzjoni huwa proporzjonat mal-mira segwita, jiġifieri li tiġi żgurata traspożizzjoni effettiva tal-objettivi tad-Direttiva u li dawn jintlaħqu bis-sħiħ..

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq huwa xieraq li l-Istati Membri jintalbu jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali .

**Bażi legali**

Billi l-objettiv ewlieni tad-Direttiva huwa l-protezzjoni tal-ambjent, b'konformità mal-Artikolu 191 tat-TFUE, il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

**Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u l-għażla ta' strument**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma tkunx taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu għalkollox mill-Istati Membri. Il-leġiżlazzjoni eżistenti tiffissa rekwiżiti minimi għall-istima ambjentali ta' proġetti madwar l-UE u għandha l-għan li tikkonforma mal-konvenzjonijiet internazzjonali (eż. Espoo, Aarhus, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika). Dan il-prinċipju qed jinżamm fil-proposta, li tarmonizza aktar il-prinċipji tal-istima ambjentali u li tindirizza l-inkonsistenzi. L-Istati Membri kollha jridu jieħdu miżuri sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi; azzjonijiet nazzjonali individwali jistgħu jxekklu l-funzjonament tas-suq intern, billi differenzi fir-regolamentazzjoni nazzjonali jistgħu jostakolaw l-attivitajiet ekonomiċi transfruntieri.

Azzjoni mill-UE tilħaq aħjar l-objettivi tal-proposta. Mill-adozzjoni tad-Direttiva fl-1985, l-UE kibret, filwaqt li żdiedu wkoll l-ambitu u s-serjetà ta' kwistjonijiet ambjentali li jridu jiġu indirizzati u l-għadd ta' proġetti ta' infrastruttura ewlenin fuq skala tal-UE (pereżempju proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija jew tat-trasport). Minħabba n-natura transfruntiera tal-kwistjonijiet ambjentali (eż. it-tibdil fil-klima, ir-riskju ta' diżastri) u ta' xi proġetti, azzjoni fuq il-livell tal-UE hija meħtieġa u ġġib magħha valur miżjud meta mqabbla ma' azzjonijiet nazzjonali individwali. L-azzjoni min-naħa tal-UE se tindirizza wkoll kwistjonijiet li huma importanti għall-UE kollha kemm hi, bħall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tad-diżastri, u għandha rwol fil-kisba tal-objettivi tal-Ewropa għall-2020 għat-tkabbir sostenibbli.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-istrument legali magħżul huwa direttiva, billi l-proposta għandha l-għan li timmodifika direttiva eżistenti. Il-proposta tistabbilixxi l-obbligi u l-objettivi ġenerali, filwaqt li tħalli biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tal-miżuri għall-konformità u l-implimentazzjoni dettaljata tagħhom. Il-proposta għalhekk hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Il-proposta tikkonċerna kwistjoni rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea u għalhekk għandha tkun applikabbli għaliha.

2012/0297 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[11],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/92/UE armonizzat il-prinċipji għall-istima ambjentali ta' proġetti billi introduċiet rekwiżiti minimi (fir-rigward tat-tip ta' proġetti soġġetti għal stima, l-obbligi ewlenin tal-iżviluppaturi, il-kontenut tal-istima u l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u tal-pubbliku), u tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.

(2) L-analiżi ta' nofs it-terminu tas-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali[12] u l-aħħar Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni u l-effettività tad-Direttiva dwar l-EIA (Id-Direttiva 85/337/KEE)[13], il-predeċessur tad-Direttiva 2011/92/UE, enfasizzat il-ħtieġa li jitjiebu l-prinċipji tal-istima ambjentali ta' proġetti u ta' adattament tad-Direttiva għall-kuntest politiku, legali u tekniku li, min-naħa tiegħu, evolva b'mod konsiderevoli.

---

10 ĠU C , , p. .
11 ĠU C , , p. .
12 COM(2007) 225.
13 COM(2009) 378.

(3) Jinħtieġ li tkun emendata d-Direttiva 2011/92/UE biex tissaħħaħ il-kwalità tal-proċedura ta' stima ambjentali, jiġu razzjonalizzati d-diversi stadji tal-proċedura u jiżdiedu l-koerenza u s-sinerġiji ma' leġiżlazzjoni u politiki oħra tal-Unjoni, kif ukoll ma' strateġiji u politiki żviluppati mill-Istati Membri f'oqsma ta' kompetenza nazzjonali.

(4) Matul l-aħħar għaxar snin, il-kwistjonijiet ambjentali, bħall-effiċjenza fir-riżorsi, il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, u r-riskju ta' diżastri, saru aktar importanti fit-tfassil tal-politika u għalhekk għandhom ikunu wkoll elementi kritiċi fi proċessi ta' stima u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, speċjalment għal proġetti ta' infrastruttura.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata 'Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi'[14], il-Kummissjoni impenjat ruħha favur l-inklużjoni ta' kunsiderazzjonijiet usa' dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva 2011/92/UE.

(6) L-Istrateġija Tematika dwar il-Ħamrija[15] u l-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi jisħqu fuq l-importanza tal-użu sostenibbli tal-ħamrija u l-ħtieġa li tiġi indirizzatta żieda insostenibbli taż-żoni abitati maż-żmien (it-teħid tal-art). Barra minn hekk, id-dokument finali tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li saret f'Rio de Janeiro bejn l-20 u t-22 ta' Ġunju 2012 jirrikonoxxi s-sinifikat ekonomiku u soċjali ta' ġestjoni tajba tal-art, inkluża l-ħamrija, u l-ħtieġa għal azzjoni urġenti biex tiġi invertita d-degradazzjoni tal-art. Proġetti pubbliċi u privati għandhom għalhekk iqisu u jillimitaw l-impatt tagħhom fuq l-art, partikolarment it-teħid tal-art, u l-ħamrija, inkluż fuq il-materja organika, l-erożjoni, il-kompattazzjoni u l-impermeabilità, anke permezz ta' pjanijiet għall-użu tal-art u politiki fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali xierqa .

(7) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika ("il-Konvenzjoni"), li l-Unjoni Ewropea hija parti tagħha, tesiġi, sa fejn huwa possibbli u xieraq, stima ta' effetti negattivi sinifikanti ta' proġetti fuq id-diversità bijoloġika, li hija ddefinita fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, bil-għan li jiġu evitati jew minimizzati effetti bħal dawn. Din l-istima minn qabel tal-impatti għandha tikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-Unjoni, adottata fl-2010[16], li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi sal-2020 u fejn vijabbli tirrestawrahom .

(8) Il-miżuri meħuda sabiex jiġu evitati, imnaqqsa u, jekk possibbli, ikkontrobilanċjati l-effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent għandhom jikkontribwixxu sabiex ikun evitat kwalunkwe deterjorament fil-kwalità tal-ambjent u kwalunkwe telf nett tal-bijodiversità, skont l-impenji tal-Unjoni fil-kuntest tal-Konvenzjoni u l-objettivi u l-azzjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni dwar il-Bijodiversità sal-2020[17].

(9) It-tibdil fil-klima se jkompli jikkawża ħsara lill-ambjent u jxekkel l-iżvilupp ekonomiku. Għaldaqstant, ir-reżiljenza ambjentali, soċjali u ekonomika tal-Unjoni għandha tiġi promossa sabiex tittratta t-tibdil fil-klima madwar it-territorju kollu tal-Unjoni b'mod effiċjenti. Miżuri ta' adattament għat-tibidil fil-klima u dawk ta'

---

14 COM(2011) 571.
15 COM(2006) 231.
16 Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Marzu 2010.
17 COM(2011) 244.

mitigazzjoni tiegħu għandhom jiġu indirizzati f'ħafna setturi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(10) Wara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem[18], fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill tal-UE stieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-analiżi tal-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' inizjattivi tal-UE iqisu t-tħassib dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-Qafas ta' Hyogo tan-Nazzjonijiet Uniti għal Programm ta' Azzjoni (2005-2015), li jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti proċeduri għall-istima tal-implikazzjonijiet tar-riskju ta' diżastri ta' proġetti ewlenin ta' infrastruttura.

(11) Il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali u l-pajsaġġi, li huma parti integrali mid-diversità kulturali li l-Unjoni hija impenjata li tirrispetta u tippromwovi skont l-Artikolu 167(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jibnu b'mod utli fuq definizzjonijiet u prinċipji żviluppati f'Konvenzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Arkitettoniku tal-Ewropa, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Pajsaġġi u l-Konvenzjoni Qafas dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà.

(12) Fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE, jinħtieġ li jiġi żgurat ambjent kummerċjali kompetittiv, speċjalment għall-impriżi żgħar u medji, sabiex jiġġeneraw tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, skont l-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu 'Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv'[19].

(13) L-esperjenza wriet li f'każijiet ta' emerġenza ċivili, konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE jista' jkollha effetti negattivi, u għalhekk għandu jsir provvediment sabiex l-Istati Membri jkunu awtorizzati li ma japplikawx din id-Direttiva f'każijiet xierqa.

(14) L-informazzjoni li l-iżviluppatur huwa meħtieġ jipprovdi sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tiddetermina jekk il-proġetti elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2011/92/UE għandhom ikunu soġġetti għal stima ambjentali (proċedura ta' skrinjar), għandha tiġi speċifikata.

(15) Il-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2011/92/UE, li jitqiesu mill-Istati Membri sabiex jiddeterminaw liema proġetti għandhom ikunu soġġetti għal stima abbażi tal-effetti ambjentali sinifikanti tagħhom, għandhom jiġu adattati u ċċarati sabiex ikun żgurat li l-istima ambjentali hija meħtieġa biss għal proġetti li x'aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti, bħal proġetti li jużaw jew li jaffettwaw riżorsi prezzjużi, proġetti proposti għal postijiet sensittivi mil-lat ambjentali, jew għall-proġetti b'effetti potenzjalment perikolużi jew irriversibbli.

(16) Meta jiġi determinat jekk hemmx probabbiltà li jiġu kkawżati effetti ambjentali sinifikanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw l-aktar kriterji rilevanti li għandhom jitqiesu u jużaw l-informazzjoni addizzjonali li tista' tkun disponibbli wara

[18] COM(2009) 82.

[19] COM(2010) 2020.

stimi oħrajn meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex tapplika proċedura ta' skrinjar b'mod effettiv. F'dan ir-rigward, huwa xieraq li jiġi speċifikat il-kontenut tad-deċiżjoni dwar l-iskrinjar, b'mod partikolari fejn ma tkun meħtieġa l-ebda stima ambjentali.

(17) L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu meħtieġa li jiddeterminaw l-ambitu u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni ambjentali li għandha tiġi sottomessa fl-għamla ta' rapport ambjentali (definizzjoni tal-ambitu). Sabiex titjieb il-kwalità tal-istima u jiġi razzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, huwa importanti li jiġu speċifikati fil-livell tal-Unjoni l-kategoriji ta' informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dik id-determinazzjoni.

(18) Ir-rapport ambjentali ta' proġett li għandu jiġi pprovvdut mill-iżviluppatur għandu jinkludi stima ta' alternattivi raġonevoli rilevanti għall-proġett propost, inkluża l-evoluzzjoni probabbli tal-istat eżistenti tal-ambjent mingħajr l-implimentazzjoni tal-proġett (xenarju bażi), bħala mezz biex tittejjeb il-kwalità tal-proċess ta' stima u biex jippermetti l-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet ambjentali fi stadju bikri tat-tfassil tal-proġett.

(19) Għandhom jittieħdu miżuri li jiżguraw li d-dejta u l-informazzjoni inkluża f'rapporti ambjentali, b'konformità mal-Anness IV tad-Direttiva 2011/92/UE, huma kompleti u ta' kwalità għolja biżżejjed. Bil-għan li tkun evitata ripetizzjoni tal-istima, l-Istati Membri għandhom iqisu l-fatt li l-istimi ambjentali jistgħu jitwettqu f'livelli differenti jew minn strumenti differenti.

(20) Bl-għan li tiġi żgurata t-trasparenza u r-responsabbiltà, l-awtorità kompetenti tinħtieġ li tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li tagħti l-kunsens għall-iżvilupp fir-rigward ta' proġett, billi tindika li qieset ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet imwettqa u l-informazzjoni rilevanti miġbura.

(21) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi komuni għall-monitoraġġ ta' effetti negattivi sinifikanti tal-kostruzzjoni u tat-tħaddim ta' proġetti biex jiġi żgurat approċċ komuni fl-Istati Membri kollha u biex jiġi żgurat li, wara l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni u kumpens, l-ebda impatt ma jissupera dawk previsti fil-bidu. Monitoraġġ bħal dan ma għandux jirrepeti l-monitoraġġ meħtieġ skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew iżid miegħu.

(22) Għandhom jiġu introdotti termini ta' żmien għad-diversi stadji tal-istimi ambjentali ta' proġetti, sabiex jiġi stimulat teħid tad-deċiżjonijiet aktar effiċjenti u tiżdied iċ-ċertezza legali, billi jitqiesu wkoll in-natura, il-kumplessità, il-lokalizzazzjoni u d-daqs tal-proġett propost. Tali termini ta' żmien ma għandhomx jikkompromettu, taħt l-ebda ċirkustanza, l-istandards għoljin għall-protezzjoni tal-ambjent, partikolarment dawk li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni ambjentali oħra tal-Unjoni, u il-parteċipazzjoni pubblika effettiva u l-aċċess għall-ġustizzja.

(23) Sabiex tiġi evitata ripetizzjoni tal-istimi, titnaqqas il-kumplessità amministrattiva u tiżdied l-effiċjenza ekonomika, meta l-obbligu li jitwettqu stimi tal-impatt fuq l-ambjent joriġina simultanjament minn din id-Direttiva u minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, bħalma huma d-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet

u programmi fuq l-ambjent[20], id-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi[21], id-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma[22], id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali[23] u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa[24], l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċeduri koordinati jew konġunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

(24) Id-dispożizzjonijiet il-ġodda għandhom japplikaw ukoll għal proġetti li, għalihom, it-talba għall-kunsens għall-iżvilupp tkun introdotta qabel l-iskadenza għat-traspożizzjoni iżda li, għalihom, ma tkunx ġiet konkluża l-istima tal-impatt fuq l-ambjent qabel dik id-data.

(25) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet iġġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dokumenti bħal dawn hija ġustifikata.

(26) Sabiex jiġu aġġustati l-kriterji tal-għażla u l-informazzjoni li għandha tingħata fir-rapport ambjentali bl-aħħar żviluppi fit-teknoloġija u prattiki rilevanti, is-setgħa li jiġu adottati atti, b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Annessi II.A, III u IV tad-Direttiva 2011/92/UE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti.

(27) Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(28) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, permezz tal-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi għall-istima ambjentali ta' proġetti, ma jistax jintlaħaq għalkollox mill-Istati Membri u għalhekk, fid-dawl tal-ambitu, is-serjetà u n-natura transfruntiera tal-kwistjonijiet ambjentali li għandhom jiġu indirizzati, jista' jintlaħaq aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(29) Id-Direttiva 2011/92/UE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

---

[20] ĠU L 197, 21.7.2001, p.30.
[21] ĠU L 20, 26.1.2010, p.7.
[22] ĠU L 327, 22.12.2000, p.1.
[23] ĠU L 334, 17.12.2010, p.17.
[24] ĠU L 206, 22.7.1992, p.7.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2011/92/EU għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel inċiż fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew twaqqigħ, jew ta' stallazjonijiet jew skemi oħra,

(b) fil-paragrafu 2, għandha tiżdied id-definizzjoni li ġejja:

"(g)"stima tal-impatt fuq l-ambjent "għandha tfisser il-proċess ta' tħejjija ta' rapport ambjentali, it-twettiq ta' konsultazzjonijiet (inkluż mal-pubbliku kkonċernat u l-awtoritajiet ambjentali), l-istima mill-awtorità kompetenti, billi jitqiesu r-rapport ambjentali u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet fil-proċedura ta' kunsens għall-iżvilupp kif ukoll li tingħata informazzjoni dwar id-deċiżjoni skont l-Artikoli 5 sa 10."

(c) il-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, fuq bażi ta' każ każ u jekk previst mil-liġi nazzjonali, li ma japplikawx din id-Direttiva għall-proġetti li l-għan ewlieni tagħhom huwa d-difiża nazzjonali jew ir-reazzjoni għal emerġenzi ċivili, jekk jidhrilhom li tali applikazzjoni jkollha effett negattiv fuq dawk l-għanijiet."

4. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal proġetti li d-dettalji tagħhom huma adottati b'att leġiżlattiv nazzjonali speċifiku, bil-kundizzjoni li jinkisbu l-objettivi ta' din id-Direttiva, inkluż dak li tiġi pprovduta l-informazzjoni, permezz tal-proċess leġiżlattiv. Kull sentejn mid-data speċifikata fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva XXX [OPOCE jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kull applikazzjoni li huma jkunu għamlu ta' din id-dispożizzjoni."

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu stimi tal-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanjament minn din id-Direttiva u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri koordinati jew konġunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Taħt proċedura koordinata, l-awtorità kompetenti għandha tikkoordina l-istimi individwali differenti meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kkonċernata u maħruġa minn diversi awtoritajiet, mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja li tinsab f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni.

Taħt il-proċedura konġunta, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ stima waħda tal-impatt fuq l-ambjent, li tintegra l-istimi ta' awtorità waħda jew aktar, mingħajr ħsara

għal kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja li tinsab leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità waħda, li tkun responsabbli biex tiffaċilita l-proċedura tal-kunsens għall-iżvilupp għal kull proġett.

(3) L-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

L-istima tal-impatt fuq l-ambjent għandha tidentifika, tiddeskrivi u tistma b'mod xieraq, fid-dawl ta' kull każ individwali u b'mod konformi mal-Artikoli 4 sa 11, l-effetti diretti u indiretti ta' proġett fuq il-fatturi li ġejjin:

(a) il-popolazzjoni, is-saħħa tal-bniedem, u l-bijodiversità, b'attenzjoni partikolari għal speċijiet u ħabitats protetti skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE(*) u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(* *);

(b) l-art, il-ħamrija, l-ilma, l-arja u t-tibdil fil-klima;

(c) l-assi materjali, il-wirt kulturali u l-pajsaġġ;

(d) l-interazzjoni bejn il-fatturi msemmija fil punti (a), (b) u (c).

(e) l-esponiment, il-vulnerabbiltà u r-reżiljenza tal-fatturi msemmija fil-punti (a), (b) u (c), fir-rigward ta' riskji ta' diżastri naturali u dawk kawżati mill-bniedem. "

---

(*) ĠU L 206, 22.7.1992, p.7.

(**) ĠU L 20, 26.1.2010, p.7."

(4) L-Artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu sostwiti b'dan li ġej:

"3. Għall-proġetti elenkati fl-Anness II, l-iżviluppatur għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-proġett, l-impatt potenzjali tiegħu fuq l-ambjent u l-miżuri previsti sabiex jevitaw u jnaqqsu effetti sinifikanti. Il-lista dettaljata tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta hija speċifikata fl-Anness II.A."

4. Meta titwettaq evalwazzjoni każ każ jew jiġu stabbiliti parametri jew kriterji għall-fini tal-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tqis kriterji tal-għażla relatati mal-karatteristiċi u l-lokalizzazzjoni tal-proġett u l-impatt potenzjali tiegħu fuq l-ambjent. Il-lista dettaljata tal-kriterji tal-għażla li għandhom jintużaw hija speċifikata fl-Anness III."

(b) Għandhom jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel id-deċiżjoni tagħha skont il-paragrafu 2, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppatur filwaqt li tqis, meta jkun rilevanti, ir-riżultati tal-istudji, il-verifiki preliminari jew l-istimi tal-effetti fuq l-ambjent li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Id-deċiżjoni skont il-paragrafu 2 għandha:

(a) tiddikjara kif tqiesu l-kriterji fl-Anness III;

(b) tinkludi r-raġunijiet għaliex kienet meħtieġa jew ma kinitx meħtieġa stima tal-impatt fuq l-ambjent b'konformità mal-Artikoli 5 sa 10;

(c) tinkludi deskrizzjoni tal-miżuri previsti sabiex jevitaw, jipprevjenu u jnaqqsu kwalunkwe effett sinifikanti fuq l-ambjent, fejn jiġi deċiż li ma għandha titwettaq l-ebda stima tal-impatt fuq l-ambjent b'konformità mal-Artikoli 5 sa 10.

(d) tkun disponibbli għall-pubbliku

6. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel id-deċiżjoni tagħha skont il-paragrafu 2 fi żmien tliet xhur mit-talba għal kunsens għall-iżvilupp u bil-kundizzjoni li l-iżviluppatur ikun ssottometta l-informazzjoni kollha meħtieġa. Skont in-natura, il-kumplessità, il-lokalizzazzjoni u d-daqs tal-proġett propost, l-awtorità kompetenti tista' testendi dik l-iskadenza bi 3 xhur oħra; f'dak il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tinforma l-iżviluppatur bir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-estensjoni u d-data sa meta hija mistennija d-determinazzjoni tagħha.

Fejn il-proġett ikun soġġett għal stima tal-impatt fuq l-ambjent skont l-Artikoli 5 sa 10, id-deċiżjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(2)."

(5) Fl-Artikolu 5, il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Meta għandha titwettaq stima tal-impatt fuq l-ambjent skont l-Artikoli 5 sa 10, l-iżviluppatur għandu jħejji rapport ambjentali. Ir-rapport ambjentali għandu jkun ibbażat fuq determinazzjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jinkludi informazzjoni li tista' tkun raġonevolment meħtieġa biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-impatti ambjentali tal-proġett propost, filwaqt li jitqiesu l-għarfien u l-metodi attwali tal-istima, il-karatteristiċi, il-kapaċità teknika u l-lok tal-proġett, il-karatteristiċi tal-impatt potenzjali, alternattivi għall-proġett propost u sa fejn huma vvalutati b'mod aktar xieraq ċerti kwistjonijiet (inkluża l-evalwazzjoni ta' alternattivi) f'livelli differenti inkluż il-livell ta' ppjanar, jew abbażi ta' rekwiżiti oħra ta' stima. Il-lista dettaljata tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fir-rapport ambjentali hija speċifikata fl-Anness IV.

2. L-awtorità kompetenti, wara li tkun kkonsultat l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) u l-iżviluppatur, għandha tiddetermina l-ambitu u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tkun inkluża mill-iżviluppatur fir-rapport ambjentali, skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. B'mod partikolari għandha tiddetermina:

(a) id-deċiżjonijiet u l-opinjonijiet li għandhom jinkisbu;

(b) l-awtoritajiet u l-pubbliku li x'aktarx ikunu kkonċernati;

(c) l-istadji individwali tal-proċedura u t-tul taż-żmien tagħha;

(d) alternattivi raġonevoli għall-proġett propost u l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu;

(e) il-karatteristiċi ambjentali msemmija fl-Artikolu 3 li x'aktarx ikunu affettwati b'mod sinifkanti;

(f) l-informazzjoni li għanda tiġi sottomessa skont il-karatteristiċi speċifiċi ta' proġett partikolari jew tip ta' proġett;

(g) l-informazzjoni u l-għarfien disponibbli u miksuba fil-livelli l-oħra tat-teħid tad-deċiżjonijiet jew permezz ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, u l-metodi ta' stima li għandhom jintużaw.

L-awtorità kompetenti tista' wkoll tfittex assistenza minn esperti akkreditati u teknikament kompetenti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Talbiet sussegwenti lill-iżviluppatur għal informazzjoni addizzjonali jistgħu jsiru jekk ikunu ġustifikati minn ċirkostanzi ġodda u spjegati kif dovut mill-awtorità kompetenti.

3. Biex jiġu garantiti l-kompletezza u kwalità suffiċjenti tar-rapporti ambjentali msemmija fl-Artikolu 5(1):

(a) l-iżviluppatur għandu jiżgura li r-rapport ambjentali huwa mħejji minn esperti akkreditati jew teknikament kompetenti jew

(b) l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-rapport ambjentali huwa verifikat minn esperti akkreditati u teknikament kompetenti u/jew kumitati ta' esperti nazzjonali.

Meta esperti akkreditati u teknikament kompetenti jkunu assistew l-awtorità kompetenti biex tħejji d-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2), l-istess esperti ma għandhomx jintużaw mill-iżviluppatur għat-tħejjija tar-rapport ambjentali.

L-arranġamenti dettaljati għall-użu u l-għażla ta' esperti akkreditati u teknikament kompetenti (pereżempju l-kwalifiki meħtieġa, l-assenjazzjoni ta' evalwazzjoni, il-liċenzjar u l-iskwalifika), għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri."

(6) L-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. Għandhom jiġu pprovduti termini ta' żmien raġonevoli għall-fażijiet differenti, li jippermettu żmien biżżejjed:

(a) biex jiġu infurmati l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) u l-pubbliku u

(b) biex l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) u l-pubbliku kkonċernat iħejju u jipparteċipaw b'mod effettiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu."

(b) għandu jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. "It-termini ta' żmien sabiex il-pubbliku kkonċernat jiġi kkonsultat dwar ir-rapport ambjentali msemmi fl-Artikolu 5(1) ma għandhomx ikunu iqsar minn 30 jum jew aktar minn 60 jum. F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura, il-kumplessità, il-lok jew id-daqs tal-proġett propost jesiġu hekk, l-awtorità kompetenti tista' testendi dan it-terminu ta' żmien bi 30 jum oħra; f'dak il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tinforma l-iżviluppatur bir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-estensjoni."

(7) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-arranġamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, inkluż l-istabbiliment ta' terminu ta' żmien għall-konsultazzjonijiet, għandhom ikunu determinati mill-Istati Membri kkonċernati, abbażi tal-arranġamenti u termini ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 6(5) u (6), u għandhom ikunu tali li jippermettu lill-pubbliku kkonċernat fit-territorju tal-Istat Membru affettwat li jipparteċipa b'mod effettiv fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet ambjentali msemmija fl-Artikolu 2(2) għall-proġett. "

(8) L-Artikolu 8 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. Għandhom jitqiesu r-riżultati tal-konsultazzjonijiet u l-informazzjoni miġbura skont l-Artikoli 5, 6 u 7 fil-proċedura tal-kunsens għall-iżvilupp. Għal dan il-għan, id-deċiżjoni li jingħata l-kunsens għall-iżvilupp għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-istima tal-impatt fuq l-ambjent tal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3 u l-kundizzjonijiet ambjentali marbuta mad-deċiżjoni, inkluża deskrizzjoni tal-miżuri ewlenin sabiex jiġu evitati, imnaqqsa u, jekk possibbli, ikkontrobilanċjati l-effetti negattivi sinifikanti;

(b) ir-raġunijiet ewlenin għall-għażla l-proġett kif adottat, fid-dawl tal-alternattivi l-oħra meqjusa, inkluża l-evoluzzjoni probabbli tal-istat eżistenti tal-ambjent mingħajr l-implimentazzjoni tal-proġett (xenarju ta' referenza);

(c) sommarju tal-kummenti li waslu skont l-Artikoli 6 u 7;

(d) dikjarazzjoni li tiġbor fil-qosor il-mod kif kunsiderazzjonijiet ambjentali ġew integrati fil-kunsens għall-iżvilupp u kif ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet u l-informazzjoni miġbura skont l-Artikoli 5, 6 u 7 ikunu ġew inkorporati jew inkella indirizzati.

Għal proġetti li x'aktarx ikollhom effetti transfruntieri negattivi sinifikanti, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi informazzjoni dwar għalfejn ma qisitx il-kummenti li waslu għand l-Istat Membru affettwat matul il-konsultazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 7.

2. Jekk il-konsultazzjonijiet u l-informazzjoni miġbura skont l-Artikoli 5, 6 u 7 jikkonkludu li proġett se jkollu effetti ambjentali negattivi sinifikanti, l-awtorità kompetenti għandha tqis, kemm jista' jkun malajr u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) u l-iżviluppatur, jekk ir-rapport ambjentali msemmi fl-Artikolu 5(1) għandux jiġi rivedut u l-proġett ikun immodifikat biex jiġu

evitati jew imnaqqsa dawn l-effetti negattivi u jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni jew kumpens.

Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħti kunsens għall-iżvilupp, għandha tiżgura li l-kunsens għall-iżvilupp jinkludi miżuri biex jiġu mmonitorjati effetti ambjentali negattivi sinifikanti, sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni u l-effettività mistennija ta' miżuri ta' mitigazzjoni u kumpens, u sabiex jiġu identifikati kwalunkwe effetti negattivi mhux mistennija.

It-tip ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati u t-tul ta' żmien tal-monitoraġġ għandhom ikunu proporzjonati man-natura, il-lokalizzazzjoni u d-daqs tal-proġett propost u s-sinifikat tal-effetti ambjentali tiegħu.

L-arranġamenti eżistenti ta' monitoraġġ li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jistgħu jintużaw fejn dan ikun xieraq.

3. Meta l-informazzjoni kollha neċessarja miġbura skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tkun ġiet ipprovduta lill-awtorità kompetenti, inkluż, fejn rilevanti, stimi speċifiċi meħtieġa taħt leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, u l-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 6 u 7 ikunu ġew ikkompletati, l-awtorità kompetenti għandha tikkonkludi l-istima tal-impatt tal-proġett fuq l-ambjent fi żmien tliet xhur.

Skont in-natura, il-kumplessità, il-lok u d-daqs tal-proġett propost, l-awtorità kompetenti tista' testendi dik l-iskadenza b'3 xhur oħra. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tinforma l-iżviluppatur bir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-estensjoni u d-data meta hija mistennija d-deċiżjoni tagħha.

4. Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tagħti jew tirrifjuta kunsens għall-iżvilupp, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk l-informazzjoni fir-rapport ambjentali msemmi fl-Artikolu 5(1) hijiex aġġornata, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri previsti biex jipprevjenu, inaqqsu u, jekk possibbli, jikkontrobilanċjaw kull effett negattiv sinifikanti."

(9) L-Artikolu 9 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta tkun ittieħdet deċiżjoni li tagħti jew tirrifjuta kunsens għall-iżvilupp, l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-pubbliku u l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) biha, skont il-proċeduri xierqa, u għandha tkun disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kontenut tad-deċiżjoni u kull kundizzjoni mehmuża magħha;

(a) wara li jkunu ġew eżaminati r-rapport ambjentali u t-tħassib u l-opinjonijiet espressi mill-pubbliku kkonċernat, ir-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet ewlenin li fuqhom hija msejsa d-deċiżjoni, inkluża informazzjoni dwar il-proċess tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku;

(c) deskrizzjoni tal-miżuri ewlenin sabiex jiġu evitati, imnaqqsa u, jekk possibbli, kontrobilanċjati l-effetti negattivi sinifikanti.

(d) deskrizzjoni, fejn xieraq, tal-miżuri ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 8(2)."

(b) għandu iżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiddeċiedu li tkun disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, meta l-awtorità kompetenti tikkonkludi l-istima tagħha tal-impatt fuq l-ambjent tal-proġett."

(10) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'mod partikolari, kull sitt snin mid-data speċifikata fl-Artikolu 2 (1) tad-Direttiva XXX [OPOCE jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' din id-Direttiva] l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar:

(a) l-għadd ta' proġetti msemmija fl-Annessi I u II soġġetti għal stima skont l-Artikoli 5 sa 10.

(b) it-tqassim tal-istimi skont il-kategoriji tal-proġetti stipulati fl-Annessi I u II;

(c) it-tqassim tal-istimi mwettqa skont it-tip ta' żviluppatur;

(d) l-għadd ta' proġetti msemmija fl-Anness II soġġetti għal determinazzjoni skont l-Artikolu 4 (2);

(e) it-tul ta' żmien medju għal proċess ta' stima tal-impatt fuq l-ambjent;

(f) l-ispiża medja tal-istimi tal-impatt fuq l-ambjent."

(11) Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli 12a u 12b li ġejjin:

"Artikolu 12a

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 12b, dwar il-kriterji tal-għażla elenkati fl-Anness III u l-informazzjoni msemmija fl-Annessi II.A u IV, sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku.

Artikolu 12b

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit minn [OPOCE jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tkun effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat addottat skont l-Artikolu 12a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn mindu tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu nfurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(12) L-Annessi tad-Direttiva 2011/92/UE huma emendati kif jidher fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [DATA]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u dokument li jispjega r-relazzjoni bejnhom u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Proġetti li għalihom it-talba għall-kunsens għall-iżvilupp ġiet introdotta qabel id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) u li għalihom l-istima tal-impatt fuq l-ambjent ma ġietx konkluża aqabel dik id-data għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi msemmija fl-Artikoli 3 sa 11 tad-Direttiva 2011/92/UE kif emendata b'din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS

(1) Għandu jiddaħħal l-Anness II.A li ġej:

"ANNESS II.A - INFORMAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(3)

1. Deskrizzjoni tal-proġett, inklużi b'mod partikolari:

(a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi tal-proġett kollu, inkluż, fejn rilevanti, is-sottosuperfiċje tiegħu, matul il-fażijiet ta' kostruzzjoni u operazzjonali;

(b) deskrizzjoni tal-lok tal-proġett, partikolarment fir-rigward tas-sensisittività taż-żoni ġeografiċi li x'aktarx ikunu affettwati.

2. Deskrizzjoni tal-aspetti ambjentali li x'aktarx jiġu affettwati b'mod sinifikanti mill-proġett propost.

3. Deskrizzjoni tal-effetti sinifikanti probabbli tal-proġett propost fuq l-ambjent li jirriżultaw:

(a) mir-residwi u l-emissjonijiet mistennija u l-produzzjoni tal-iskart;

(b) mill-użu ta' riżorsi naturali, partikolarment il-ħamrija, l-art, l-ilma u l-bijodiversità inklużi bidliet idromorfoloġiċi.

4. Deskrizzjoni tal-miżuri previsti biex jevitaw, jipprevjenu jew inaqqsu u kwalunkwe effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent."

(2) L-Annessi III u IV għandhom jiġu sostwiti b'dan li ġej:

"ANNESS III - IL-KRITERJI TAL-GĦAŻLA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(4)

1. KARATTERISTIĊI TAL-PROĠETTI

Il-karatteristiċi tal-proġetti għandhom jitqiesu b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) id-daqs tal-proġett inkluż, fejn rilevanti, is-sottosuperfiċje tiegħu;

(b) kumulazzjoni ma' proġetti u attivitajiet oħra;

(b) l-użu ta' riżorsi naturali, partikolarment il-ħamrija, l-art, l-ilma u l-bijodiversità inklużi bidliet idromorfoloġiċi.

(d) il-produzzjoni tal-iskart;

(e) it-tniġġis u l-elementi ta' fastidju;

(f) ir-riskji ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem u r-riskju ta' aċċidenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' bidliet idromorfoloġiċi, sustanzi, jew teknoloġiji jew organiżmi ħajjin użati, ta' kundizzjonijiet speċifiċi tas-superfiċje u tas-sottosuperfiċje u kundizzjonijiet jew użu alternattiv, u tal-probabbiltà ta' aċċidenti jew diżastri u l-vulnerabbiltà tal-proġett għal dawn ir-riskji;

(g) l-impatti tal-proġett fuq it-tibdil fil-klima (f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra inklużi dawk l-impatti mill-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija), il-kontribut tal-proġett lejn reżiljenza aħjar, u l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-proġett (eż. jekk il-proġett huwiex koerenti ma' klima li qed tinbidel);

(h) l-impatti tal-proġett fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-art (żieda ta' żoni abitati tul iż-żmien – it-teħid tal-art), il-ħamrija (il-materja organika, l-erożjoni, il-kompattazzjoni, l-impermeabilità), l-ilma (kwantità u kwalità), l-arja u l-bijodiversità (il-kwalità u kwantità tal-popolazzjoni u d-degradazzjoni u frammentazzjoni tal-ekosistemi);

(i) ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem (eż. dawk minn kontaminazzjoni tal-ilma jew tniġġis tal-arja);

(k) l-impatt tal-proġett fuq il-wirt kulturali u l-pajsaġġ.

2. IL-LOK TAL-PROĠETTI

Għandha titqies is-sensittività ambjentali ta' żoni ġeografiċi li x'aktarx jiġu affettwati mill-proġetti, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) l-użu eżistenti jew ippjanat tal-art, inklużi t-teħid u l-frammentazzjoni tal-art;

(b) l-abbundanza relattiva, id-disponibbiltà, il-kwalità u l-kapaċità ta' riġenerazzjoni tar-riżorsi naturali (inkluża l-ħamrija, l-art, l-ilma u l-bijodiversità) fiż-żona;

(c) il-kapaċità ta' assorbiment tal-ambjent naturali, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni li ġejjin:

(i) artijiet mistagħdra, żoni max-xatt tal-ixmajjar, bokok ta' xmajjar;

(ii) żoni kostali,

(iii) żoni muntanjużi u dawk bil-foresti,

(iv) riservi u parkijiet naturali; bjur permanenti, żoni agrikoli b'valur naturali għoli;

(v) żoni kklassifikati jew protetti skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri; Żoni Natura 2000 deżinjati mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE , żoni protetti minn konvenzjonijiet internazzjonali;

(vi) żoni fejn diġà kienu ma ntlaħqux l-istandards ta' kwalità ambjentali, stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u rilevanti għall-proġett, jew fejn x'aktarx ma jintlaħqux;

(vii) żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni,

(viii) pajsaġġi u siti ta' sinifikat storiku, kulturali u arkeoloġiku.

3. KARATTERISTIĊI TAL-IMPATT POTENZJALI

L-effetti sinifikanti potenzjali tal-proġetti għandhom jitqiesu f'relazzjoni mal-kriterji stabbiliti taħt l-1 u t-2 hawn fuq, partikolarment fir-rigward ta':

(a) id-daqs u l-ambitu spazjali tal-impatt (żona ġeografika u d-daqs tal-popolazzjoni li x'aktarx tkun affettwata),

(b) in-natura tal-impatt;

(b) in-natura transfruntiera tal-impatt;

(d) l-intensità u kumplessità tal-impatt;

(e) il-probabbiltà tal-impatt;

(f) it-tul taż-żmien, il-frekwenza u r-riversibbilità tal-impatt;

(g) ir-rapidità li biha jfeġġ l-impatt;

(h) il-kumulazzjoni tal-impatti mal-impatti ta' proġetti oħra (partikolarment dawk eżistenti u/jew approvati) mill-istess żviluppaturi jew dawk differenti;

(i) l-aspetti ambjentali li x'aktarx ikunu affettwati b'mod sinifikanti;

(k) l-informazzjoni u s-sejbiet dwar l-effetti ambjentali miksuba minn stimi meħtieġa taħt leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

(l) il-possibbiltà li jitnaqqsu l-impatti b'mod effettiv.

ANNESS IV – INFORMAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5(1)

1. Id-deskrizzjoni tal-proġett, inklużi b'mod partikolari:

(a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi tal-proġett kollu inkluż, fejn rilevanti, fis-sottosuperfiċje tiegħu, u l-użu tal-ilma u r-rekwiżiti tal-użu tal-art matul il-fażijiet tal-kostruzzjoni u tax-xogħlijiet;

(b) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-proċessi tal-produzzjoni, pereżempju, in-natura u l-kwantità tal-materjali, l-enerġija u r-riżorsi naturali (inkluż l-ilma, l-art, il-ħamrija u l-bijodiversità) użati;

(c) stima, skont it-tip u l-kwantità, tar-residwi u emissjonijiet mistennija (l-ilma, l-arja, it-tniġġis tal-ħamrija u tas-sottoswol, l-istorbju, il-vibrazzjoni, id-dawl, is-sħana, ir-radjazzjoni, eċċ.) li jirriżultaw mit-tħaddim tal-proġett propost.

2. Deskrizzjoni tal-aspetti tekniċi, lokazzjonali jew oħrajn (eż. f'termini ta' disinn tal-proġett, kapaċità teknika, daqs u skala) tal-alternattivi meqjusa, inkluża l-identifikazzjoni ta' dik bl-inqas impatt ambjentali, u indikazzjoni tar-raġunijiet prinċipali għall-għażla, filwaqt li jitqiesu l-effetti ambjentali.

3. Deskrizzjoni tal-aspetti rilevanti tal-istat eżistenti tal-ambjent u l-evoluzzjoni li x'aktarx tirriżulta mingħajr l-implimentazzjoni tal-proġett (xenarju bażi). Din id-deskrizzjoni għandha tkopri kwalunkwe problema ambjentali eżistenti rilevanti għall-proġett, inkluż, b'mod partikolari, dawk li jikkonċernaw xi żoni ta' importanza ambjentali partikolari u l-użu tar-riżorsi naturali.

4. Deskrizzjoni tal-aspetti ambjentali li x'aktarx jiġu affettwati b'mod sinifikanti mill-proġett propost inklużi, b'mod partikolari, il-popolazzjoni, is-saħħa tal-bniedem, il-fawna, il-flora, il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema li tipprovdi, l-art (it-teħid tal-art), il-ħamrija (il-materja organika, l-erożjoni, il-kompattazzjoni, l-impermeabilità), l-ilma (kwantità u kwalità), l-arja, il-fatturi klimatiċi, it-tibdil fil-klima (l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, il-potenzjal ta' mitigazzjoni, l-impatti rilevanti għall-adattament, jekk il-proġett iqis ir-riskji assoċjati mat-tibdil fil-klima), l-assi materjali, il-wirt kulturali, inkluż dak arkitettoniku u arkeoloġiku, il-pajsaġġ; deskrizzjoni bħal din għandha tinkludi l-interrelazzjonijiet bejn il-fatturi msemmija hawn fuq, kif ukoll l-esponiment, il-vulnerabbiltà u r-reżiljenza tal-fatturi msemmija hawn fuq fir-rigward tar-riskji ta' diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem.

5. Deskrizzjoni tal-effetti sinifikanti probabbli tal-proġett propost fuq l-ambjent li jirriżultaw minn:

(a) l-eżistenza tal-proġett;

(b) l-użu tar-riżorsi naturali, b'mod partikolari l-art, il-ħamrija, l-ilma, il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema li tipprovdi meta titqies, sa fejn huwa possibbli, id-disponibbiltà ta' dawn ir-riżorsi anke fid-dawl ta' kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu;

(c) l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu, l-istorbju, il-vibrazzjoni, id-dawl, is-sħana, ir-radjazzjoni, il-ħolqien ta' elementi ta' fastidju u l-eliminazzjoni tal-iskart;

(d) ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem, il-wirt kulturali jew l-ambjenti (eż. minħabba aċċidenti jew diżastri);

(e) il-kumulazzjoni tal-effetti ma' proġetti u attivitajiet oħra;

(f) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż mill-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija;

(g) it-teknoloġiji u s-sustanzi użati;

(h) tibdiliet idromorfoloġiċi.

Id-deskrizzjoni tal-effetti sinifikanti probabbli għandha tkopri l-effetti diretti u kwalunkwe effett indirett, sekondarju, kumulattiv, transfruntier, għal żmien qasir, medju jew twil, permanenti u temporanju, pożittiv u negattiv tal-proġett. Din id-deskrizzjoni għandha tqis l-objettivi tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti fil-livell tal-UE jew tal-Istati Membri li huma rilevanti għall-proġett.

6. Id-deskrizzjoni tal-metodi tat-tbassir użati biex jiġu stmati l-effetti fuq l-ambjent imsemmija fil-punt 5, kif ukoll rendikont tal-inċertezzi ewlenin involuti u l-influwenza tagħhom fuq l-estimi tal-effetti u l-għażla tal-alternattiva preferuta.

7. Deskrizzjoni tal-miżuri previsti sabiex jipprevjenu, inaqqsu u, fejn huwa possibbli, jikkontrobilanċjaw kull effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent imsemmija fil-punt 5 u, fejn xieraq, ta' kwalunkwe arranġament ta' monitoraġġ propost, li jinkludi t-tħejjija ta' analiżi ta' wara li jitlesta l-proġett tal-effetti negattivi fuq l-ambjent. Din

id-deskrizzjoni għandha tispjega sa fejn l-effetti negattivi sinifikanti huma mnaqqsa jew kontrobilanċjati u għandha tkopri kemm il-fażijiet tal-kostruzzjoni kif ukoll dawk operazzjonali.

8. Stima tar-riskji ta' diżastri naturali u dawk kawżati mill-bniedem u r-riskju ta' aċċidenti li l-proġett jista' jkun vulnerabbli għalihom u, fejn xieraq, deskrizzjoni tal-miżuri previsti sabiex jipprevjenu dawn ir-riskji, kif ukoll miżuri dwar il-livell ta' tħejjija u reazzjoni għall-emerġenzi (eż. miżuri meħtieġa taħt id-Direttiva 96/82/KE kif emendata).

9. Sommarju mhux tekniku tal-informazzjoni pprovvduta skont l-intestaturi ta' hawn fuq.

10. Indikazzjoni ta' kull diffikultà (nuqqasijiet tekniċi jew nuqqas ta' għarfien) li jiltaqa' magħhom l-iżviluppatur fil-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa u tas-sorsi użati għal deskrizzjonijiet u stimi mwettqa, kif ukoll rendikont tal-inċertezzi ewlenin involuti u l-influwenza tagħhom fuq l-estimi tal-effetti u l-għażla tal-alternattiva preferuta. "